

31998R0148

23.1.1998

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 18/3

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 148/98****tat-22 ta' Jannar 1998****li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2005/97 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġu applikati l-arranġamenti speċjali għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li joriġina fl-Alġerija**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2005/97 tad-9 ta' Ottubru 1997 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġu applikati l-arranġamenti speċjali sabiex jiġi importat iż-żejt taż-żebbuġa li joriġina fl-Alġerija <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3290/94 tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar l-aġġustamenti u l-arranġamenti transitorji meħtieġa fis-settur tal-biedja sabiex jiġu implimentati l-ftehimijiet konklużi matul in-negozjati multilaterali tal-kummerċ tar-Round ta' l-Urugwaj <sup>(2)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1161/97 <sup>(3)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

Billi t-tnaqqis fir-rata tad-dazju tad-dwana pprovduta fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 2005/97 japplika għall-importazzjonijiet kollha taż-żejt taż-żebbuġa li għalihom l-importatur jipprovdi provi ma' l-importazzjoni illi l-imposta speċjali fuq l-esportazzjoni tiġi riflessa fil-prezz ta' l-importazzjoni; billi, għall-għanijiet sabiex japplikaw l-arranġamenti msemmija hawn fuq, għandha ssir dispożizzjoni illi l-importatur jipprovdi prova illi l-imposta fil-kwistjoni ġiet irrimborżata lill-esportatur;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2146/95 <sup>(4)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1163/97 <sup>(5)</sup>, li għandu x'jaqsam, fost ħwejjeġ oħra, ma' l-aġġustament transitorju ta' l-arranġamenti speċjali għall-importazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa li joriġina fl-Alġerija jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li japplikaw għal dawn l-arranġamenti; billi dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu mħassra fid-dawl tar-regoli ddettaljati ta' implimentazzjoni stabbiliti hawnhekk;

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 Jannar 1998.

Billi l-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond il-Kumitat tal-Ġestjoni taż-Żjut u x-Xaħmijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*L-Artikolu 1*

1. L-arranġamenti pprovduti fl-Artikolu 2(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 2005/97 japplikaw għall-importazzjonijiet kollha li dwarhom l-importatur jipprovdi provi, ma' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-rilaxx fiċ-ċirkulazzjoni ħielsa, illi l-imposta speċjali fuq l-esportazzjoni hija riflessa fil-prezz ta' l-importazzjoni u li rrimborża din l-imposta lill-esportatur sa l-ammont imnaqqas ma' l-importazzjoni fil-Komunità kif approvdut fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament.

2. Il-prova għall-iskopijiet tal-paragrafu 1 tista' tikkonsisti f'kull dokument amministrattiv, kummerċjali jew bankarju aċċettat mill-awtoritajiet tad-dwana.

3. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "esportatur" ifisser il-persuna murija fiċ-ċertifikat EUR.1 għall-Alġerija.

*L-Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 2146/95 huwa hawnhekk imħassar.

*L-Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membri tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 284, tas-16.10.1997, p. 11.

<sup>(2)</sup> ĠU L 349, tal-31.12.1994, p. 105.

<sup>(3)</sup> ĠU L 169, tas-27.6.1997, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 215, tad-9.9.1995, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 169, tas-27.6.1997, p. 4.